# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 7**

**Rikors numru 46/2019/1 LM**

**Silvio Zammit**

**v.**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza hi b'riferenza għall-appell tal-Avukat Ġenerali wara s-sentenza li ngħatat mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-28 ta' Ottubru 2020 li biha ddeċidiet:

> *".... tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u filwaqt li tiddikjara li r-rikorrent sofra ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tordna sabiex il-Qorti tal-Maġistrati tiddikjara li l-provi tal-Prosekuzzjoni*

*fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) vs Silvio Zammit huma magħluqa u għandha tgħaddi sabiex taqra l-artikoli”*.

2. B’rikors preżentat fis-27 ta’ Marzu 2019 l-attur ilmenta li kompla jinkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq meta fi Frar 2019 l-Avukat Ġenerali talab li tittieħed kampjun tal-vuċi tar-rikorrent sabiex isir paragun ma’ recording li fih l-attur allegatament jitkellem ma’ Inge Delfosse. L-attur ippremetta li:

> “*13. Illi fir-rigward ta’ dan ir-*recording, *li skont il-Prosekuzzjoni sar minn Inge Delfose, jingħad li l-istess Delfosse ma xeheditx quddiem il-Qorti u konfermat taħt ġurament li r-*recording *sar minn naħa tagħha. Illi* di più, *minkejja li l-esponenti kien oġġezzjona għall-ħatra tal-espert sabiex jieħu kampjun tal-vuċi tal-esponenti u jagħmel analiżi mar-*recording, *il-Qorti tal-Maġistrati kienet xorta laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni. Illi jingħad ukoll li l-esponenti talab l-isfilz tar-*recording *mill-atti stante li kif ġja’ ġie dikjarat, Inge Delfosse, il-persuna li allegatament għamlet ir-*recording *ma deheritx quddiem il-Qorti sabiex tikkonferma u tippreżenta seduta stante l-istess* recording *allegatament magħmul minnha iżda l-Qorti tal-Maġistrat ċaħdet it-talba għall-isfilz tar-repert.*
>
> “*14. Illi jingħad ukoll li meta fl-aħħar seduti l-Avukat Ġenerali għoġbu jibgħat l-atti proċesswali, kienu inħarġu l-Artikoli relattivi taħt liema l-esponenti għandu jiġi ġudikat, u l-artikli ħarġu bir-riżerva, iżda kuntrarjament għal dak li ordinarjament iseħħ, il-Qorti tal-Maġistrati ma qratx l-artikli u minkejja diversi talbiet li saru mid-difiża tal-esponenti sabiex l-istess artikli jinqaraw, dawn baqgħu qatt ma nqraw.*
>
> “*15. Illi huwa ovvju li minħabba dan il-fatt li l-Artikoli ma humiex qegħdin jinqraw, l-esponenti qiegħed isofri ksur ta’ smigħ ta’ dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli. Illi jingħad li meta l-Artikoli jinqraw, il-Qorti tbiddel il-vesti tagħha minn waħda Istruttorja għal waħda ta’ Ġudikatura Kriminali u meta l-Qorti tkun fil-vesti ta’ Ġudikatura Kriminali, l-Avukat Ġenerali/Pulizija ma jistgħux jitolbu l-ħatra ta’ espert.*
>
> “*16. Illi apparti minn hekk, l-Artikoli li ntbagħtu mill-Avukat Ġenerali ngħataw ‘b’rizerva’ li jsir l-analiżi surreferit. L-esponenti jinsab perpless b’dan billi din it-tip ta’ kundizzjoni ma teżistix fil-Liġi; jekk l-Avukat Ġenerali jibgħat l-Artikoli sabiex jinqraw, u l-persuna*

*akkużata ma jkollha ebda oġġezzjoni li l-każ jiġi determinat mill-Qorti tal-Maġistrati, dawk l-Artikoli jridu jinqraw.*

"*17. Illi għaldaqstant huwa evidenti li l-Avukat Ġenerali ma għandu ebda diffikultà jżomm lill-esponenti fi stat perpetwu ta' ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq u huwa biss b'ordni diretta ta' sentenza minn Qorti b'setgħa kostituzzjonali li l-provi tal-Prosekuzzjoni jistgħu jingħalqu.*

"*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

"1. *Tiddikjara li l-esponenti sofra ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli* a tenur *tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

"2. *Tordna sabiex immedjatament jingħalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni* Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) vs. Silvio Zammit *pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, presjeduta mill-Maġistrat Dr. A. M. Grima LL.D.*

"3. *Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-dritt ta' smigħ xieraq tal-esponenti'.*

3. Permezz ta' tweġiba preżentata fis-16 ta' April 2019 l-Avukat Ġenerali wieġeb li kien l-attur li qiegħed jikkaġuna d-dewmien għaliex oġġezzjona għall-ħatra ta' espert tal-għarfien tal-vuċi meta huwa manifest illi qorti istruttorja hija pjenament intitolata skont il-Kodiċi Kriminali li tordna li tinġieb quddiemha tali prova. Dan apparti li mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja qiegħda tmexxi l-proċeduri kriminali b'diliġenza. Il-każ jinvolvi numru ta' xhieda li jgħixu barra minn Malta. Dan apparti li l-kawża hi minnha nnifisha ta' natura kumplessa. Tant hu hekk li fil-kors tal-kumpilazzjoni xehdu numru kbir ta' persuni li huma impjegati ta' istituzzjonijiet Ewropej

u kien hemm ukoll numru ta' esperti li nħatru. Dan fih innifsu hu prova li l-każ hu kumpless.

4. Il-motivazzjoni għad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u li hi l-iktar rilevanti għall-finijiet ta' dan l-appell hi s-segwenti:

> *"Il-Qorti tirrileva li l-ilment kostituzzjonali hawnhekk jirrigwarda n-nuqqas ta' smigħ xieraq minħabba t-tul ta' żmien li qegħdin jieħdu l-proċeduri tal-kumpilazzjoni u għalhekk ma tarax li għandha tidħol fil-mertu tal-ħatra tal-espert u tal-isfilz o meno tar-recording imsemmi. Tgħid li dawn għandhom jiġu kkonsidrati biss fil-parametri tal-ilment imressaq mir-rikorrent taż-żmien irraġonevoli li qegħdin jieħdu dawk il-proċeduri li qed iwassal għal ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.*
>
> "*Il-Qorti tosserva li wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, saru mhux inqas minn sittax-il seduta bejn is-26 ta' Lulju, 2018, u d-9 ta' Mejju, 2019, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn l-intimat l-Avukat Ġenerali baqa' ma deherx, għalkemm kien anki saħansitra sollecitat minn dik il-Qorti biex jidher. Fis-sentenza in parte li ngħatat minn din il-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2019, hija diġà kienet esprimiet ruħha dwar in-nuqqas assolut da parti tal-intimat l-Avukat Ġenerali li jottempora ruħu ma' dak li ġie misjub minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, u li ġie kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018. Din il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax dan l-aġir tal-Avukat Ġenerali meta mhux biss injora l-ordni ta din il-Qorti, hekk kif diversament preseduta, sabiex jottjeni x-xhieda ta' Inge Delfosse mill-aktar fis possibbli u fin-nuqqas jagħlaq il-provi tiegħu, imma saħansitra wkoll is-sollecitazzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sabiex jibgħat l-Artikoli jew l-att tal-akkuża u anki jidher seduta stante. Dan filwaqt li ma jidhirx li l-proċeduri b'xi mod imxew 'il quddiem lejn l-għeluq tagħhom. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li t-talba għall-ħatra ta' espert setgħet saret mill-ewwel wara li l-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat l-ordni mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta.*
>
> …………
>
> "*Kif diġa' ngħad, l-eżami ta' din il-Qorti huwa limitat għall-perijodu sussegwenti għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Lulju, 2018, u tirrileva li ma jirriżultax li l-argument tal-intimat l-Avukat Ġenerali jista' japplika wkoll għal dan il-perijodu. Mill-verbali tal-Qorti tal-Maġistrati ma jirriżultax li kien għad baqa' xi xhieda li kellhom jinstemgħu u lanqas dokumenti jew oġġetti oħra li kellhom jiġu ppreżentati. Jirriżulta biss li ngħata inkarigu lill-Avukat Martin Bajada li ma setax jiġi espletat peress li r-rikorrent iddikjara li mhux lest li jagħti kampjun tal-vuċi tiegħu. Il-Qorti hawnhekk tagħraf li n-nomina ta' espert tal-vuċi ma setgħetx tintalab qabel Inge Delfosse titla' tixhed u tikkonferma bil-ġurament li kienet hija*

*li ħadet dak ir-recording, iżda ladarba dan ma sarx, tinstab ferm dubjuża dwar ir-rilevanza tat-talba nnifisha, imma dan tgħidu biss fir-rigward tal-ilment miġjub quddiemha u mhux għall-fini ta' rilevanza tal-imsemmija talba per se.*

"*Dan iwassal lill-Qorti sabiex tevalwa t-tieni fattur li jirrikjedi eżami tal-imġiba tar-rikorrent/imputat f'dawk il-proċeduri. Qabelxejn il-Qorti tirrileva li peress li ma ġewx ippreżentati quddiemha l-atti kollha tal-kumpilazzjoni, iżda biss il-verbali, il-Qorti ppruvat tifhem mill-verbal relattiv dak li seħħ waqt is-seduta tal-14 ta' Frar, 2019. Il-Qorti mill-ewwel tirrileva li ma jidhirx mill-provi li tressqu quddiemha li r-rikorrent min-naħa tiegħu kkontribwixxa għad-dewmien fil-proċeduri tal-kumpilazzjoni. Jirriżulta li r-rikorrent mill-ewwel kien esprima l-oġġezzjoni tiegħu għat-teħid ta' kampjun tal-vuċi tiegħu peress li huwa jgawdi mid-dritt tas-silenzju u hawnhekk ma jirriżultax li l-intimat Avukat Ġenerali ħa xi azzjoni fir-rigward ta' din l-oġġezzjoni. Għalhekk ma jistax illum jallega li huwa proprju r-rikorrent li qed jikkaġuna d-dewmien lamentat billi ressaq oġġezzjoni għall-ħatra tal-espert inkwistjoni.*

"*B'hekk l-espert ma setax jespleta l-inkarigu mogħti lilu u lanqas il-Qorti ma setgħet taqra l-Artikoli minħabba ir-riżerva li saret min-naħa tal-intimat* Avukat Ġenerali li dawn jinqraw skont kif jallega r-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu. L-uniku evidenza fil-provi tar-riżerva tinstab fil-verbal tas-seduta tal-14 ta' Frar, 2019, fejn jingħad *"Dr. Edward Gatt għall-imputat jitlob illi jinqraw l-Artikoli llum u dan 'il għaliex dan huwa it-tielet differiment bl-Artikoli in atti u skorretement l-istess Artikoli m'humiex jinqraw minkejja li hemm ir-riżerva",* u fix-xhieda tal-Ispettur Yvonne Farrugia mogħtija fl-aħħar seduta. L-intimat Avukat Ġenerali saħansitra ma jgħid xejn fir-risposta tiegħu. Ir-rikorrent jissottometti li din ir-riżerva hija waħda li ma tipprovdix għaliha l-liġi, iżda l-Qorti ma taqbilx għaliex il-para. (f) tas-subartikolu 370(3) tal-Kap. 9 jiddisponi li,

> *"(f) Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, kif provdut fil-paragrafu (b), il-qorti għandha tisma' dik ix-xhieda oħra li tista' tiġi ndikata mill-Avukat Ġenerali fl-istess nota li biha jibgħat lill-persuna akkużata sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija skont il-paragrafu (a)."*

"Fil-każ odjern l-intimat l-Avukat Ġenerali kien bagħat l-Artikoli u dawn għal xi raġuni li ma tirriżultax biċ-ċar mill-provi, baqgħu ma nqrawx mill-Qorti tal-Maġistrati. Meta r-rikorrent iddikjara fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2019, li huwa ma kienx lest li jagħti kampjun għall-fini ta' paragun mar-*recording* li kien jinstab fl-atti, ma jirriżultax li l-intimat Avukat Ġenerali rribatta u l-Qorti tal-Maġistrati tat xi digriet fuq il-kwistjoni. Għalhekk hija kienet tenuta li tgħaddi sabiex taqra l-Artikoli, iżda minflok u minkejja li l-Artikoli kienu diġà jinstabu fl-atti, hija għażlet li tkompli tiddiferixxi l-proċeduri anki saħansitra sabiex il-Prosekuzzjoni tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet dwar it-talba għall-isfilz tar-*recording".*

5. B’rikors preżentat fis-16 ta’ Novembru 2020 l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza u argumenta li l-attur kien ikkontribwixxa għad-dewmien peress li qabel ippreżenta l-kawża kostituzzjonali, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kienet appuntat espert li ma setax jaqdi l-inkarigu tiegħu minħabba li l-attur *“….. irrifjuta li jagħti kampjun tal-leħen tiegħu kif ġie ivverbalizzat fis-seduta tal-14 ta’ Frar 2019”*. Dan apparti li kien l-attur stess li talab lil din il-Qorti biex temporanjament ma tkomplix tisma’ il-kawża sakemm il-kawża kostituzzjonali tkun deċiża. Ilmenta wkoll li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ordnat lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tiddikjara l-provi tal-prosekuzzjoni u jinqraw l-artikoli, peress li l-espert tekniku għadu ma lestiex l-inkarigu. Argumenta wkoll li r-rimedju li semmai kellha tagħti l-ewwel Qorti kien kumpens non-pekunjarju u mhux tordna lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tiddikjara magħluqa l-provi tal-prosekuzzjoni.

6. Fis-26 ta’ Novembru 2020 il-konvenut ippreżenta risposta u ta raġunijiet għalfejn l-appell għandu jiġi miċħud. L-enfażi tal-attur hi li ma kellu l-ebda tort għad-dewmien tal-proċeduri, u kellu jerġa’ jressaq dan l-ilment minħabba li l-prosekuzzjoni injorat dak li ġie deċiż fir-riferenza kostituzzjonali. Żied li din il-kawża saret wara li l-Avukat Ġenerali ħareġ bi prova ġdida li qatt ma ssemmiet qabel, u l-Qorti tal-Maġistrati ukoll għandha responsabbilta` għad-dewmien. Kompla li t-talba sabiex jiġu

dikjarati magħluqa l-provi, tiggarantixxi li verament jingħalqu l-provi u ma jibqax fid-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali jew f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li qiegħda tittituba milli tiddeċiedi l-kawża skont il-proċedura kontemplata fl-Art. 370 tal-Kodiċi Kriminali.

7. Din il-Qorti rat ukoll il-proċess tal-kawża kriminali Pulizja v. Silvio Zammit (1303/2012) b'enfażi fuq dak li ġara fil-proċeduri wara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju 2018.

Fatti.

8. Fl-2012 l-attur tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u akkużat li rċieva jew aċċetta offerta jew wegħda ta' vantaġġ għalih innifsu jew ħaddieħor bil-għan li jeżerċita influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna, kif ukoll irrenda ruħu kompliċi fl-istess reat li twettaq minn persuna oħra u sar riċediv (Il-Pulizija v. Silvio Zammit, 1303/2012).

9. Fil-kors tal-proċeduri kriminali, il-Qorti ordnat riferenza kostituzzjonali fuq talba tal-attur. B'sentenza tas-26 ta' April 2018 il-Qorti Ċivili Prim'Awla ddeċidiet li hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u ser jibqa' jseħħ dak il-ksur *"..... sakemm il-prosekuzzjoni tagħmel dak kollu li għandha tagħmel sabiex jew tottjeni d-deposizzjoni ta' Inge Delfosse jew*

*tagħlaq l-istadju tal-provi tagħha fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs Silvio Zammit"*.

10. B'sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju 2018, ċaħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti. Fis-sentenza din il-Qorti qalet:

> *"27. Din il-Qorti tosserva fir-rigward li hu evidenti li l-ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent li l-ewwel Qorti giet mitluba tippronunzja ruhha dwaru, huwa dak naxxenti mid-dewmien fil-produzzjoni tal-ahhar xhud tal-prosekuzzjoni, Inge Delfosse, biex tixhed fil-proceduri kontra r-rikorrent. Izda kif fuq premess, sabiex dik il-Qorti waslet ghad-decizjoni taghha hija necessarjament u korrettament hadet in konsiderazzjoni l-iter processwali kollu sal-istadju li waslu fih il-proceduri kriminali, u waslet ghall-konkluzjoni gusta li dan in-nuqqas tal-prosekuzjoni qed iwassal ghall-lezjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent. Ghalhekk ghandu jkun manifest li jekk l-prosekuzzjoni tibqa' tonqos milli taghlaq mill-aktar fis il-provi taghha l-lezjoni tkompli tissokta, u allura kien id-dmir ta' dik il-Qorti li fid-decide taghha tissenjala li jekk dan jithalla jsir mill-Qorti tal-Magistrati l-lezjoni tad-dritt fondamentali tar-rikorrent protett mill-artikoli precitati ser tissokta"*.

11. Meta komplew il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2018 il-Qorti kienet infurmata li r-riferenza kostituzzjonali kienet ġiet deċiża. Id-difensur tal-imputat talab li għas-seduta ta' wara jitħarrek ir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunal Kriminali sabiex tippreżenta kopja tas-sentenza tat-13 ta' Lulju 2018. Talba bla bżonn għaliex kull ma kellu jagħmel kienet li jippreżenta kopja legali tas-sentenza.

12. Fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2018 l-imputat talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex in vista tas-sentenza li tat

il-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti tiddikjara magħluqa l-provi tal-prosekuzzjoni. Il-Qorti rriżervat li tagħti ordni *in camera*.

13. Fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2018 l-istess Qorti stiednet lill-Avukat Ġenerali sabiex iqis it-talba tal-imputat li saret fis-seduta tal-4 ta' Settembru 2018 u bagħtet lura l-atti lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali.

14. Fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja reġgħet ġibdet l-attenzjoni tal-Avukat Ġenerali għall-verbal tas-seduta tat-12 ta' Settembru 2018.

15. Fil-15 ta' Novembru 2018 l-Avukat Ġenerali bagħat rinviju lill-Qorti skont l-Art. 405 tal-Kodiċi Kriminali u talab li tinstema' Inge Delfosse. Dakinhar stess waqt is-seduta d-difensur tal-imputat ilmenta li l-Avukat Ġenerali kien għadu ma ddikjarax li m'hemmx iktar provi minkejja s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Lulju 2018. F'dik l-istess seduta l-Qorti ssoleċitat lill-Avukat Ġenerali sabiex *".... fir-rinviju li jmiss jibgħat l-artikoli jew l-att tal-akkuża"*.

16. Fis-seduta tal-20 ta' Diċembru 2018 ma sar xejn wara li l-Qorti osservat li l-proċess kien għadu għand l-Avukat Ġenerali.

17. Fit-2 ta' Jannar 2019 l-Avukat Ġenerali bagħat nota li biha ddikjara li ddeċieda li jibgħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-imputat. B'dan li qabel tistaqsih:

> *"Taħtar espert fil-voice recognition sabiex occorrendo wara li jieħu kampjun tal-vuċi tal-imputat Silvio Zammit, jiddetermina jekk huwiex l-istess Silvio Zammit li jinstema' fit-telefonata reġistrata ma' Inge Delfosse. Dana sakemm id-difiża ma tiddikjarax in atti li qiegħda taċċetta bħala fatt illi huwa l-imputat Zammit li jinstema' jitkellem ma' Delfosse fit-telefonata de quo".*

18. Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2019 ħadd ma deher għall-prosekuzzjoni u lanqas ma deher l-Avukat Ġenerali minkejja li fis-seduta preċedenti l-Qorti talbet li jattendi għas-seduta. <u>Minflok fir-rinviju l-Avukat Ġenerali talab li jinġabru iktar provi.</u> Id-difensuri tal-attur oġġezzjonaw għall-aġir tal-Avukat Ġenerali u argumentaw li jmur kontra l-ordni li ngħatat fil-proċeduri kostituzzjonali. Il-provi jinkludu ġbir ta' *voice sample* tal-imputat sabiex jsir paragun ma' recording li hemm fl-atti ta' dak li l-prosekuzzjoni qiegħda tgħid li hi konversazzjoni bejn Delfosse u l-imputat. Rilevanti li x-xhud Ingrid Delfosse għażlet li ma tixhedx minħabba li tista tinkrimina lilha nnifisha.

19. Fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2019 il-prosekuzzjoni u l-imputat ma kinux preżenti, u d-difensuri tal-attur ippreżentaw ċertifikat mediku sabiex jiġġustifikaw għalfejn l-attur ma kienx preżenti. F'dik is-seduta reġa' ma sar xejn.

20. Fis-seduta tal-14 ta' Frar 2019 ingħata digriet li bih il-Qorti tal-Maġistrati inkarigat lil Dr Martin Bajada sabiex jieħu kampjun tal-vuċi tal-attur, u jagħmel paragun ma' *recording* ta' telefonata reġistrata. Id-difensur tal-imputat iddikjara li ma kienx ser jagħti *voice sample* sabiex isir paragun ma' *recording* li hemm fl-atti. F'dan ir-rigward argumenta li l-imputat igawdi mill-jedd tas-silenzju. Żied li għalkemm l-artikoli kienu diġa` fl-atti, sa dakinhar kienu għadhom ma nqrawx. Fatt li sostna li qiegħed jippreġudika lill-imputat. Il-Prosekuzzjoni talbet żmien sabiex twieġeb bil-miktub.

21. Fl-20 ta' Frar 2019 il-prosekuzzjoni ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet li titratta dwar il-jedd tal-imputat li ma jagħtix kampjun tal-vuċi tiegħu għaliex igawdi mid-dritt tas-silenzju.

22. Fis-seduta tal-21 ta' Frar 2019 id-difensur tal-imputat talab l-isfilz tar-*recording* peress li x-xhud Delfosse mhux ser tixhed. Il-Prosekuzzjoni talbet żmien sabiex twieġeb u l-Qorti tatha ġimgħa żmien. Id-difensur tal-imputat reġa' pprotesta għad-dewmien u l-fatt li l-artikoli kienu għadhom ma nqrawx.

23. Fis-seduta tat-28 ta' Frar 2019 il-Qorti ddifferiet il-każ sabiex tagħti digriet.

24. Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2019 l-istess Qorti ddifferiet il-kawża iżda ma tissemmiex raġuni

25. Fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019 ingħata digriet. Il-Qorti ċaħdet it-talba tal-imputat għall-isfiz tar-recording u spjegat:

> *"Il-Qorti, tiċħad it-talba tal-imputat, u dan ai termini tal-artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi tali recording għandu relevanza għall-kawża odjerna, kif ukoll ai termini tal-artikolu 397 u 405(8) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li hija Qorti Istruttorja u għalhekk bil-funzjoni tagħha trid tassigura li l-ġabra tal-provi tal-kawża trid tkun kompluta minn kollox"*.

26. Dakinhar stess id-difiża infurmat lill-qorti li ser tippreżenta kawża kostituzzjonali. Il-Qorti nnominat lil Dr Martin Bajada sabiex jagħmel voice recognition billi jqabbel il-vuċijiet li hemm fuq *Compact Disc* u kampjun tal-vuċi tal-imputat.

27. Fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2019 id-difiża ppreżentat kopja tar-rikors kostituzzjonali u talbet lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tissoprasjedi sakemm tinqata' il-kawża li biha l-imputat ilmenta minn ksur ta' smigħ xieraq. Il-Qorti ddifferiet il-każ sabiex tagħti provvediment dwar kif ser tipproċedi.

28. Fis-seduta tal-11 ta' April 2019 il-Qorti tat żmien lill-prosekuzzjoni sabiex tippreżenta, *".... nota ta' sottomissjonijiet li fiha l-Prosekuzzjoni għandha tindika lill-Qorti xi provi fadlilha sabiex tagħlaq il-każ tagħha ġialadarba l-imputat iddikjara li mhux lest li jagħti l-kampjun għall-finiijet*

*tal-inkarigu mogħti lil Dr Martin Bajada u dan skond ak kweżit fir-rinviju tal-Avukat Ġenerali datata 2 ta' Jannar 2019"*.

29. Fis-seduta tal-25 ta' April 2019 id-difiża talbet żmien sabiex teżamina n-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentat il-prosekuzzjoni.

30. Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2019 id-difiża ddikjarat li m'għandhiex x'iżżid ma' dak li ddikjarat fis-seduta preċedenti u nfurmat lill-Qorti bid-data tas-smigħ tal-kawża kostituzzjonali li l-attur ippreżenta fis-27 ta' Marzu 2019.

31. B'digriet mogħti fit-30 ta' Mejju 2019 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ħalliet il-kawża *sine die* pendenti l-kawża kostituzzjonali.

<u>Konsiderazzjoni.</u>

32. L-*iter* ta' dak li ġara quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-perjodu bejn is-26 ta' Lulju 2018 u d-9 ta' Mejju 2019 wassal għal iktar dewmien fil-proċeduri kriminali. Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-sentenza tas-26 ta' April 2018 u din il-Qorti fis-sentenza tat-13 ta' Lulju 2018 ikkonfermaw li fil-proċeduri kriminali seħħet leżjoni tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq minħabba dewmien eċċessiv fil-kawża

kriminali l-Pulizija v. Silvio Zammit minħabba li l-prosekuzzjoni kienet għadha m'għalqitx il-provi. Dewmien li kompla jipperpetwa ruħu minkejja d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ċivili u ta' din il-Qorti.

33. Fil-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Lulju 2018 il-Qorti għamlitha ċara li l-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq ser ikompli, *"sakemm il-prosekuzzjoni tagħmel dak kollu li għandha tagħmel sabiex jew tottjeni d-deposizzjoni ta' Inge Delfosse mill-aktar fis possibbli jew tagħlaq l-istadju tal-provi tagħha fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet il-Pulizija vs Silvio Zammit"*. Kull ġurnata li tgħaddi mingħajr ma jingħalqu l-provi tal-prosekuzzjoni, jfisser li l-ksur ikompli. Evidenti li Inge Delfosse għażlet li ma tixhidx għaliex tista' tinkrimina lilha nnifisha.

34. Kien biss fit-2 ta' Jannar 2019 li l-Avukat Ġenerali bagħat nota sabiex l-attur jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (ai termini tal-Artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali), b'dan li talab li qabel issir il-mistoqsija skont l-Artikolu 370(3)(f) lill-attur, isir eżerċizzju ta' *voice recognition*. Dan wassal għal iktar dewmien u l-prova li jrid jagħmel l-Avukat Ġenerali għadha ma saritx għaliex l-imputat (attur) irrifjuta li jagħti *voice sample* u nvoka l-jedd tas-silenzju (ara verbal tas-seduta tal-14 ta' Frar 2019). Għaldaqstant s'issa l-akkużat għadu ma ġiex mistoqsi, *"jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja"* (Art. 370(3)(f) tal-Kodiċi Kriminali).

35. Fis-sentenza Joseph Lebrun v. Avukat Ġenerali tas-26 ta' Mejju 2014, din il-Qorti qalet:

> *"8.Inutli għall-Avukat Ġenerali li jgħid illi l-espert tekniku dam biex wettaq l-inkariku tiegħu u anzi baqa' ma wettqux għax ma kellux it-tagħrif kollu li kien jeħtieġ. L-Avukat Ġenerali kien imissu jew għamel dak li kellu jagħmel biex dak it-tagħrif jinġieb jew, jekk dan ma kienx legalment possibbli, joqgħod mingħajr il-prova relativa. Ċertament ma jistax iħalli l-proċeduri pendenti ad æternum sakemm forsi dik il-prova titfaċċa. Dan in-nuqqas isir aktar gravi meta tqis illi l-qorti lanqas biss kienet mgħarrfa bid-diffikoltajiet li kien qiegħed isib l-espert u tħalliet tagħti differiment wara ieħor bħallikieku kollox kien miexi sew.*
>
> "*9. Il-verità hi illi daħlet il-prassi – ħażina – illi l-prosekuzzjoni tmexxi l-każ bil-lajma, kultant tresaq xi xhud, kultant xi prova oħra u kultant lanqas biss tidher għas-seduta – bħallikieku din hija biss ħaġa fakoltativa – u hekk il-kumpilazzjoni li jmissha tintemm fi żmien ta' ġimgħat tieħu s- snin. Kulħadd jaqbel li din hija prassi ħażina u ma huwiex meħtieġ intervent leġislativ biex tinbidel, iżda xorta jibqa' jsir l-istess. L-argumenti mressqa mill-Avukat Ġenerali f'dan l-aggravju juru illi lanqas dak l-uffiċjal għadu ma jrid jifhem u jammetti li din hija prassi li għandha tinbidel, u minnufih".*

36. Mis-seduta tas-26 ta' Lulju 2018 (l-ewwel seduta wara s-sentenza ta' din il-Qorti) sal-24 ta' Jannar 2019 (seduta meta l-Avukat Ġenerali ddikjara li jrid iressaq iktar provi) ma sar litteralment xejn. Konferma oħra kif fl-istadju tal-kumpilazzjoni hu l-Avukat Ġenerali li għandu kontroll fuq il-proċeduri. Irrispettivament mill-argumenti li l-Avukat Ġenerali għamel fir-rikors tal-appell, jibqa' il-fatt li wkoll matul l-imsemmi perjodu baqgħet isseħħ il-leżjoni tal-jedd fundamentali tal-attur għal smigħ xieraq. Saħansitra meta fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2018 il-Qorti talbet li l-Avukat Ġenerali jkun preżenti għas-seduta ta' wara, m'attendiex għas-seduta tal-24 ta' Jannar 2019.

37. Il-kwistjoni f'din il-kawża m'hijiex dwar jekk il-prova li jrid jagħmel l-Avukat Ġenerali bl-eżerċizzju ta' *voice recognition*, tistax issir kontra r-rieda tal-attur li għamilha ċara li m'huwiex ser jagħti *voice sample* minħabba li jgawdi mill-jedd tas-silenzju. Il-kwistjoni hi biss dwar dewmien eċċessiv fil-proċeduri kriminali.

38. Il-Qorti żżid li l-argument tal-Avukat Ġenerali li d-dewmien hu minħabba li l-kawża hi komplessa, hu irrelevanti ġialadarba diġa` hemm is-sentenza tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' April 2018 u l-Qorti Kostituzzjonali tat-13 ta' Lulju 2018 li d-dewmien kien diġa` wassal għal-leżjoni tal-jedd tal-attur għal smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli.

39. Kif rajna illum diġa` jeżisti ġudikat li fil-proċeduri kriminali hemm dewmien eċċessiv. Pero` fis-sentenzi tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' April 2018 u ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju 2018 m'hemmx ordni fis-sens li l-provi tal-prosekuzzjoni huma magħluqa. Dan apparti li f'kumpilazzjoni l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja m'għandhiex is-setgħa li tordna l-provi magħluqa. Fiċ-ċirkostanzi jidher li ma kien hemm xejn x'iżomm lill-Avukat Ġenerali milli jitlob li jressaq din l-aħħar prova. Ovvjament dan bla preġudizzju għal kwistjoni dwar jekk ir-*recording* kienx ammissibbli bħala prova. Materja li dwarha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ddeċidiet b'digriet li tat fil-21 ta' Marzu 2019.

40. Il-Qorti fehmet li l-Avukat Ġenerali rrikorra għall-prova tal-eżerċizzju ta' *voice recognition* minħabba li Delfosse ma kinitx disposta li tixhed peress li tista' tinkrimina lilha nnifisha. Għalhekk l-Avukat Ġenerali għażel li ma jkomplix jinsisti sabiex iressaqha bħala xhud u minflok irid li jsir l-eżerċizzju tal-*voice recognition* tal-imputat ma' recording ta' konversazzjoni li hemm fl-atti.

41. Madankollu, wara d-digriet tal-21 ta' Marzu 2019 l-attur baqa' jirrifjuta li jagħti l-kampjun tal-vuċi u saħansitra fis-27 ta' Marzu 2019 ippreżenta din il-kawża kostituzzjonali, u talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tieqaf milli tkompli tisma' il-kawża sakemm tkun deċiża l-kawża kostituzzjonali. B'hekk f'dan l-istadju l-proċess kriminali waqaf fuq talba tal-attur. Għalhekk ma kinitx korretta l-ewwel Qorti meta qalet li *"... l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma waslu mkien f'perjodu ta' tmien xhur, u dan għall-ebda raġuni valida skont il-liġi u bl-ebda mod imputabbli lir-rikorrent...."*. Minn qari tas-sentenza appellata hu evidenti li l-ewwel Qorti ma ratx il-proċess tal-proċeduri kriminali mid-data tas-26 ta' Lulju 2018. Fil-fehma tal-Qorti dan kien essenzjali sabiex ikollha stampa ċara ta' dak kollu li ġara minn dakinhar 'il quddiem. Ġialadarba fil-kors ta' din il-kawża saret ampja referenza għall-proċeduri kriminali u ġew preżentati wkoll estratti mill-istess, din il-Qorti rathom sabiex ikollha l-kwadru sħiħ ta' x'qiegħed jiġri fil-proċeduri

kriminali wara s-sentenza li tat din il-Qorti fit-13 ta' Lulju 2018 fir-riferenza kostituzzjonali.

42. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hi tal-fehma li d-dewmien li kompla wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ma kellux iwassal għall-ordni lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tiddikjara magħluqa l-provi tal-prosekuzzjoni. Dan meta tikkunsidra li l-prova li l-prosekuzzjoni trid tagħmel għadha ma saritx għaliex l-attur qiegħed jirrifjuta li jagħti *voice sample* tiegħu stess (ara d-deposizzjoni ta' Dr Martin Bajada, li fil-proċeduri kriminali ġie nkarigat bħala espert għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' *voice recognition*). Hu veru li dan ifisser iktar dewmien sabiex jingħalqu l-provi tal-prosekuzzjoni, iżda wara d-digriet tal-21 ta' Marzu 2019 hemm dewmien minħabba r-rifjut tal-attur. In vista ta' din iċ-ċirkostanza, il-każ tal-lum ma jistax jiġi paragunat mal-appell Francis Portelli et v. Avukat Ġenerali deċiż fis-6 ta' Ottubru 2020.

43. Issa jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tiddeċiedi kif ser tipproċedi meħud in konsiderazzjoni li l-attur qiegħed jirrifjuta li jagħti *sample* tal-vuċi tiegħu peress li qiegħed jinvoka d-dritt tas-silenzju.

44. Waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-konvenut argumenta li hekk kif il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja rċeviet in-nota bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali, kellha d-dmir li tiżgura li ssir id-domanda lill-konvenut jekk għandux oġġezzjoni li l-kawża tinstema' b'mod sommarju. Madankollu l-Art. 370(3)(f) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> *"Qabel ma l-qorti tistaqsi lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi ttrattat bi proċedura sommarja, kif provdut fil-paragrafu (b), il-qorti għandha tisma' dik ix-xhieda oħra li tista' tiġi ndikata mill-Avukat Ġenerali fl-istess nota li biha jibgħat lill-persuna akkużata sabiex tkun iġġudikata mill-qorti fuq imsemmija skont il-paragrafu (a)".*

45. Kien dikjarat fin-nota tat-2 ta' Jannar 2019 li l-Avukat Ġenerali kellu prova oħra li ried li ssir. Għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ma setgħetx tagħmel il-mistoqsija lill-akkużat jekk għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jitkompla bil-proċedura sommarja. Kienet tonqos dik il-Qorti li kieku ma tatx każ għad-dikjarazzjoni li għamel l-Avukat Ġenerali u għamlet il-mistoqsija lill-akkużat.

46. Wara l-konsiderazzjonijiet li saru l-Qorti ser tillikwida kumpens non-pekunjarju għad-dewmien mis-26 ta' Lulju 2018 sal-ġurnata qabel ingħata d-digriet tal-21 ta' Marzu 2019 fis-somma ta' elfejn euro (€2000).

Għal dawn ir-raġunijiet tilqa' parzjalment l-appell tal-Avukat Ġenerali biss sa fejn dan jirreferi għat-tieni talba tar-rikors promotur tal-attur u tiċħdu fil-kumplament. Għaldaqstant tħassar dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel

Qorti li biha laqgħet it-tieni talba u ordnat lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tagħlaq il-provi tal-prosekuzzjoni, u minflok:

i. Tiċħad it-tieni talba tal-attur.
ii. Tikkundanna lill-Avukat Ġeneral jħallas kumpens lill-attur fis-somma ta' elfejn euro (€2000) għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq kif spjegat hawn fuq.
iii. Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-ewwel Qorti.
iv. Spejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel sentenza jibqgħu kif deċiżi mill-ewwel Qorti.

Tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jibgħat kopja legali ta' din is-sentenza lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li quddiemha qiegħed jinstema' l-każ Il-Pulizija v. Silvio Zammit (1303/2012).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr